

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

tas-26 ta' Ġunju 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 359/2011.
- (2) Fil-25 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ġareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tikkundanna l-użu mifrux u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani kontra dimostranti mhux vjolenti, filwaqt li tinnota li dan kien irriżulta f'imwiet u fghadd kbir ta' persuni midruba. Id-dikjarazzjoni stqarret ukoll li dawk responsabbi għall-qtıl ta' Mahsa Amini jridu jinżammu responsabbi, u appellat lill-awtoritajiet Iranjani biex jiżguraw investigazzjonijiet trasparenti u kredibbi biex jiċċaraw l-għadd ta' persuni mejta u arrestati, biex jeħilsu d-dimostranti mhux vjolenti kollha u biex jipprovdु proċess xieraq lid-detenu kollha. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni enfasizzat li d-deċiżjoni tal-Iran li jirrestrinġi severament l-aċċess għall-Internet u jimbløkka pjattaformi ta' messaġġi istantanji tikser b'mod sfaċċat il-libertà tal-espressjoni. Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni stqarret li l-Unjoni ser tikkunsidra l-għażliet kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-qtıl ta' Mahsa Amini u l-mod kif il-forzi tas-sigurtà Iranjani wieġbu għad-dimostrazzjoni li segwew.
- (3) F'dak il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ikkonfermata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2022, jenħtieġ li seba' persuni jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fizżei u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 359/2011.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 359/2011 jiġi emendat skont dan,

¹) ĠU L 100, 14.4.2011, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 359/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' ġunju 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jinżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 359/2011:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“227.	Seyyed Mohammad MOUSVIAN magħruf ukoll bħala Seyed Mohammad MOUSAVIDYAN سید محمد موسویان	Funzjoni: Prosekurur Pubbliku u Rivoluzzjonarju, Isfahan (Isfahan Province) Nazzjonalità: Iranjana Sess: Raġel	Mousvian huwa l-Prosekutur Pubbliku u Rivoluzzjonarju tal-Provinċja ta' Isfahan, l-Iran. Bħala tali huwa responsabbli għall-proċessi kontra d-dimostranti Saleh Mirhashmi, Majid Kazemi u Saeid Yaqoubi, li minn dak iż-żmien 'l hawn ġew ikkundannati għall-mewt u wara ġew iġġustizzjati f'Meju 2023. Mousvian ħareġ ukoll l-akkuża kontra l-artist mużikali Iranjan Toomaj Salehi fuq akkużi ta' "korruzzjoni fid-dinja" għall-parċeċċipazzjoni tiegħu fi protesti kontra l-gvern u attiviżmu pubbliku kontra l-gvern Iranjan f'Ottubru 2022, u li minn dak iż-żmien inżamm fil-Ħabs ta' Dastgerd f'kundizzjonijiet krudili waqt li jistenna l-proċess tiegħu. F'Novembru 2022, il-media tal-Istat ippubblikat filmat li juri lil Salehi b'għajnejh mgħammdin fejn kien qed jammetti d-delitti allegati tiegħu u jiskuża ruħu għal kliemu. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	26.6.2023
228.	Ali Zare NOURI سید علی زارع نوری	Funzjoni: Viċi Mħallef u konsulent tal-Qorti Kriminali Provinċjali ta' Isfahan Nazzjonalità: Iranjana Sess: Raġel	Nouri huwa l-Viċi Mħallef u l-konsulent tal-Qorti Kriminali Provinċjali tal-Provinċja ta' Isfahan, l-Iran. Bħala tali huwa responsabbli għall-proċessi kontra d-dimostranti Saleh Mirhashmi, Majid Kazemi u Saeid Yaqoubi, li minn dak iż-żmien 'l hawn ġew ikkundannati għall-mewt u wara ġew iġġustizzjati f'Meju 2023. F'filmat ippubblikat mill-media tal-Istat Iranjana, Nouri jidher li qed jinterroga lit-tliet konvenuti fil-qorti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	26.6.2023
229.	Seyyed Nader SAFAVI MIRMAHALLEH magħruf ukoll bħala Seyed Nader SAFAVI MIRMAHALLEH magħruf ukoll bħala Nader SAFAVI سید نادر صفوی میرماله	Funzjoni: Gvernatur u kap tal-Kunsill tas-Sigurtà ta' Rezvanshahr f'Gilan Province Nazzjonalità: Iranjana Sess: Raġel Indirizz: Rezvanshahr, Gilan Province	Seyyed Nader Safavi Mirmahalleh huwa l-gvernatur u l-kap tal-Kunsill tas-Sigurtà ta' Rezvanshahr fil-Provinċja ta' Gilan. Bħala tali huwa responsabbli li ordna lill-uffiċċiali jiftħu n-nar fuq id-dimostranti matul il-protesti li kienu qed isiru fl-Iran kollu bejn l-2022 u l-2023, li rriżulta f'għadd kbir ta' persuni mejta u midruba, inkluż tħall. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	26.6.2023
230.	Seyyed Khalil SAFAVI magħruf ukoll bħala Seyed Khalil SAFAVI سید خليل صفوی	Funzjoni: Kmandant tal-Pulizija ta' Rezvanshahr, Gilan Province Nazzjonalità: Iranjana Sess: Raġel Indirizz: Rezvanshahr, Gilan Province	Seyyed Khalil Safavi huwa l-Kmandant tal-Pulizija ta' Rezvanshahr fil-Provinċja ta' Gilan u kellu din il-pożizzjoni ukoll fi żmien il-protesta. Bħala tali huwa responsabbli għall-fatt li uffiċjal tal-pulizija f'Rezvanshahr fetħu n-nar fuq id-dimostranti matul il-protesti fil-belt li saru fi tmieġ Settembru 2022, li rriżulta f'għadd kbir ta' persuni mejta u midruba, inkluż tħall. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	26.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
231.	Seyyed Abbas HOSSEINI سید عباس حسینی	Funzjoni: Gvernatur, Amol (Mazandaran Province) Nazzjonalità: Iranjana Sess: Raġel	F'Jannar 2022, Hosseini nħatar gvernatur tal-belt ta' Amol, Provinċja ta' Mazandaran. Bħala tali huwa responsabbi għall-qtıl ta' mill-inqas żewġ dimostranti Iranjani żgħażaq, Ghazaleh Chalabi u Erfan Rezaei, li t-tnejn inqatlu f'Settembru 2022 mill-forzi tal-gvern fil-belt ta' Amol. Barra minn hekk, il-forzi tas-sigurtà f'Amol komplew jaġħtu fastidju lid-dimostranti paċifiċi u lill-familji tal-mejtja. F'Ġunju 2023, Hosseini ġie sostitwi bħala Gvernatur ta' Amol, iżda nħatar bħala Gvernatur Speċjalist tal-belt ta' Amol. Fil-pożizzjoni l-ġdid tiegħu, Hosseini għad għandu rwol attiv bħala rappreżentant tal-gvern. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	26.6.2023
232.	Mojtaba FADA Mojtabi فدا	Funzjoni: Kmandant tal-IRGC f'Isfahan Province (it-Tieni Brigadier Ġenerali) u membru tal-Kunsill tas-Sigurtà Provinċjali Nazzjonalità: Iranjana Data tat-twelid: 21 ta' Marzu 1963 Post tat-twelid: Ħarsin, Iran Sess: Raġel Numru tal-passaport: F49973222 li jiskadi fis-27 ta' Awwissu 2024 (maħruġ mill-Iran)	Fada huwa l-kmandant tal-forzi tal-IRGC fil-provinċja ta' Isfahan u attwalment iservi bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà Provinċjali. Bħala tali ssorvelja l-azzjonijiet tat-truppi tal-IRGC u ta' forzi tas-sigurtà oħra b'reazzjoni għall-protesti kontra l-gvern fil-ħarifa tal-2022, li rriżultaw fil-mewt ta' diversi dimostranti, inkluż il-mewt ta' Mahsa Mougouyi li kellha 18-il sena. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	26.6.2023
233.	Rashid KABOUDVANDI رشید کبودوند magħruf ukoll bħala Rashid KABUDONDI رشید کبودوندی	Funzjoni: Kmandant tal-Imam Hussein Guards Corps ta' Karaj, Alborz Province Sess: Raġel	Kaboudvandi ilu minn Mejju 2022 il-kmandant tal-Korp tal-Gwardjani Imam Hussein ta' Karaj, il-Provinċja ta' Alborz. Bħala tali huwa responsabbi għad-detenzjoni u l-qtıl ta' Mohammad Reza Ghorbani u għad-detenzjoni u l-istupru ta' Amrita Abbassi mill-forzi tas-sigurtà ta' Karaj. Il-ksur sfaċċat u gravi tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi tal-pulizija ġie dokumentat b'mod mifrux minn mindu bdew il-protesti f'nofs Settembru 2022 wara l-mewt ta' Mahsa Amini. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	26.6.2023"